L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 02 ta' Settembru, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja. Deher Dr. Peter Caruana Galizia.

Deher Dr. Christian Falzon Scerri bhala Avukat tal-Istat.

Il-Bord qara ittra mibghutha mill-Prim Ministru lill-Bord datata 26 ta' Awwissu 2020.

Dr. Therese Comodini Cachia nfurmat lill-Qorti li l-familja giet a konjizzjoni tal-ittra tal-Ministru Robert Abela, filwaqt illi tinnota s-sentejn ostakoli illi l-familja Caruana Galizia ffaccjat sabiex tinhatar Bord ta' Inkjesta, liema sentejn kienu jinkludu laqghat estensivi anke mal-Ufficcju tal-Prim Ministru. Il-familja tinnota wkoll illi dan il-Bord ta' Inkjesta nhatar fl-implimentazzjoni tal-obbligu tal-Istat illi jinvestiga x'seta' wassal ghal dan l-assassinju nkluz jekk kienx hemm responsabbilita' jew nuqqasijiet da parti ta' Istituzzjonijiet u anke jekk kienx hemm cirkostanzi ta' impunita' li kkontribwew ghal dan l-assassinju, dan kollu qieghed isir taht l-obbligu tal-Istat illi jwettaq din l-Inkjesta skont l-Artikolu

2 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi din l-Inkjesta trid, skont l-istess Artikolu, tkun wahda indipendenti, imparzjali bil-poteri u fakoltajiet kollha li hija tkun tista' twettaq xoghlha b'mod liberu. Illi dan ifisser illi jkollha l-hin, serenita' u l-fakulta' li tahdem sew, billi tigbor il-fatti, xhieda u dokumentazzjoni kollha mehtiega. Illi jidher car illi ghad fadal numru ta' xhieda sabiex jidhru quddiem dan il-Bord. Illi l-istess Bord u anke l-familja ghad ghandha bzonn hin dicenti sabiex mhux biss ihejju ruhhom ghal din ix-xhieda imma anke sabiex l-familja thejji sottomissjonijiet konklussivi anke bil-miktub u wara l-Bord jaghmel ir-rapport tieghu. Illi dan kollu jirrikjedi hin adegwat u l-Gvern ma ghandu jaghmel l-ebda ostakoli sabiex dan il-Bord ma jkunx jista' jahdem b'mod seren u jaqdi dmiru sew. Ifisser ghalhekk illi dan il-Bord ma jistax jigi mfixkel jew rinfaccjat b'terminu qasir li l-Prim Ministru jiddeciedi li jista' jaghti.

Il-Bord ra l-verbal u jirriserva li jipprovdi fi stadju iehor.

Deher Dr. Pawlu Lia sabiex jassisti lill-Inginier James Camenzuli.

**Inginier James Camenzuli** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Waqt li kien qed jixhed l-Inginier James Camenzuli Dr Pawlu Lia oggezzjona ghal domanda li saret.

Il-Bord issuggerixxa lil Dr. Therese Comodini Cachia biex tibdel il-mistoqsija.

Kompla jixhed l-**Inginier James Camenzuli** bil-gurament u bil-Malti.

Deher Dr. Vincent Micallef sabiex jassisti lill-Onorevoli Ministru Michael Farrugia.

**Ministru Michael Farrugia** xehed bil-gurament u bil-Malti (fil-miftuh).

Dr. Jason Azzopardi pprezenta nota Dok JA.

**Ministru Michael Farrugia** kompla jixhed bil-gurament (fil-maghluq).

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 04 ta' Settembru 2020 fid-9.30 a.m. sabiex ikompli jixhed Alfred Camilleri.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta